MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 2548/2003

**Peter Agius**

**Vs**

**Louis Bonaci**
**u**
**Nicole Chapelle Paeologo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi datat 29 ta` Dicembru, 2003 in forza ta` liema gie mitlub sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhalsuh is-somma ta` Lm942.52 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta` twaqqiegh ta` dar u tqattiegh ta` blat debitament ezegwit fuq inkarigu ta` l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 20 ta` Frar, 2004 fejn ikkontestaw it-talba attrici in vista tal-fatt li l-ftehim kien li jithallas is-somma ta` Lm700 ghat-twaqqiegh u thaffir sa sular gholi u l-konvenut izomm il-materjal. Illi huma fil-fatt halsuh l-ammont kollu ta` Lm700 tramite tliet pagamenti ta` Lm100, Lm400 u Lm200 kif jirrizulta minn Dok. A, B u C, filwaqt li l-attur kien garr mieghu l-gebel u t-travi.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ezamina l-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti.

Ezamina n-nota prezentata mill-attur.

Ikkunsidra.

L-attur, fix-xhieda tieghu jispjega li huwa kien gie mqabbad biex iwaqqa` zewgt idjar f'San Pawl il-Bahar u jgorr il-materjal. Fuq post minnhom il-ftehim kien ta` Lm900 filwaqt li fuq 'l iehor kienu ftiehmu fuq ir-rata ta` Lm2.25 il-jarda skond kif jitkejjel mill-Perit Anthony Muscat. B'kollox kien igib valur totali ta` Lm1,640. L-attur jaqbel li kien thallas is-somma ta` Lm700 minghand l-atturi fi tliet pagamenti separati u kien ghalhekk li qed jitlob il-bilanc ta` Lm942. Il-kont tkejjel u nhareg mill-Perit u ntbaghat lill-konvenut Bonaci. Il-ftehim ta` Lm900 u ta` tant kull jarda sar bil-fomm qabel ma beda x-xoghol u l-konvenuti kienu accettaw dawn it-termini. In kontro-ezami huwa jichad li l-gebel u t-travi kellhom ikunu parti mill-prezz. L-attur isib konfort u korroborazzjoni tal-verzjoni tieghu tramite l-kont tal-Perit Muscat datat 7 ta` Novembru, 2003, ezebit a fol. 25 tal-process u mmarkat Dok. AM1. Skond dan il-kont jidher prezz globali ta` Lm900 fuq bicca xoghol wahda u kont iehor mahdum bir-rata ta` Lm2.25 kull jarda kuba. Il-Perit Muscat jispjega li huwa kien tqabbad mill-attur biex johrog tali kont skond il-kejl li jsib, liema valuri u kejl ikkonferma bil-gurament tieghu.

Il-konvenuta Chapelle Paeologo tispjega li hija l-unika sid ta` fejn sar ix-xoghol ezegwit mill-attur u li l-uniku involviment li kellu l-konvenut ‘l iehor kien fis-sens li kien hu li sabilha lill-attur biex jahdmilha – xejn aktar. Tghid li Bonaci kien qalilha li l-ftehim kien fuq prezz ta` Lm900 li kellhom jithalsu kwantu ghal Lm700 in kontanti u l-kumplament cioe` Lm200 bhala materjal tal-bini li seta` jiehu mieghu l-attur minn fuq is-sit. Dan skond x’qalilha Bonaci peress li hija ma kinietx prezenti. Tikkonferma li l-attur ha l-materjal kollu minn fuq is-sit filwaqt tikkontesta l-fatt li kien hemm daqshekk tqattiegh ta` blat jekk dejjem kien hemm peress li ssostni li l-pedament kien kollu tat-tafal u qabel ma bniet kellha taghmel platform tal-konkos in mankanza ta` sodda soda ta` blat.

Il-konvenut Bonaci jikkonferma li huwa kien sab lill-attur biex jahdem ghal habiba tieghu, l-konvenuta l-ohra. Jispjega li l-ftehim fuq prezz kien ta` Lm900 u pagabbli kwantu ghal Lm700 in cash u l-kumplament ta` Lm200 in kind permezz tal-materjal tal-bini. Jikkonferma li l-ammont ta` Lm700 thallas kollu filwaqt li l-attur ha mieghu l-materjal tal-bini kif miftiehem. Huwa jichad li kienu ftiehmu fuq xi rata partikolari oltre ghas-somma globali miftiehma.

Illi l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet tinvolvi x’kien il-kontenut tal-ftehim bejn iz-zewg nahat. L-attur kien gustifikat li jharrek liz-zewg konvenuti peress illi d-diskors dejjem sar ma` Bonaci u anke l-ewwel zewg pagamenti saru minnu u dan ta` l-ahhar qatt ma jidher li nforma lill-attur li huwa kien semplici mandatarju jew sensal taghha. Mill-banda l-ohra, ix-xoghol gie ezegwit fil-proprjeta` tal-konvenuta u l-ahhar pagament sar tramite cheque taghha stess.

Illi dwar il-kontenut tal-ftehim, tenut kont tal-fatt li si tratta ta` twaqqiegh ta` fond wiehed, ghalkemm b’zewg bibien, it-Tribunal isib ferm difficli li jemmen li fuq l-istess sit kien hemm zewg tipi ta` ftehim dwar pagament – it-termini tal-ftehim esposti mill-attur ma jaghmlux sens. Fuq l-istess bicca xoghol jew ftiehmu fuq lump sum jew fuq rati – mhux verosimili li ftiehmu fuq it-tnejn f’daqqa. Li x’aktarx li gara kien li l-attur kien ftiehem fuq rata u mhux lump sum

in konnessjoni ma` twaqqiegh ta` post iehor ma` genb ta` l-konvenuta proprjeta` ta` xi hadd Mizzi.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa konvint li l-ftehim dwar il-post tal-konvenuta kien fl-ammont ta` Lm900 pero` fl-istess hin mhux anqas verosimili li dawn kellhom jithalsu Lm700 in kontanti u Lm200 bhala valur ta` materjal li seta` jittiehed minn fuq il-post. Dana qed jinghad ghar-raguni li fl-ewwel lok mhux kredibbli li wiehed seta` jivvaluta a priori l-gebel u t-travi uzabbli minn qabel u fit-tieni lok l-uzanza hi li jsir ftehim fuq il-prezz lump sum u t-tehid tal-materjal ikun extra stante li dana xorta wahda irid jitnehha u jingarr minn fuq is-sit.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi jilqa` t-talba ta` l-attur u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens kif ser jigi hawn spjegat hawn taht u cioe` fis-sens li jigi dikjarat li l-konvenuti huma debituri solidali fil-konfront ta` l-attur fis-somma ta` Lm200 rapprezentanti r-rimanenti bilanc minn somma akbar dovuta ghal twaqqiegh ta` dar u skavar ezegwit mill-istess attur fuq inkarigu tal-konvenuti u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihalsu lill-attur is-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm200, bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza filwaqt li l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom jithalsu kwantu ghal kwart mill-atttur u tliet kwarti mill-konvenuti dejjem solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------